**Stqarrija Ministerjali magħmula mill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, l-Onor. Carmelo Abela dwar iż-Żona Schengen**

Mr Speaker,

Għall-Gvern immexxi mill-Prim Ministru Joseph Muscat, is-sigurtà ta' pajjiżna hija ta' prijorità. Għal dan il-għan, il-Gvern iddeċieda li jitlob, li b'rabta mal-Valletta Summit u ċ-CHOGM jiddaħħlu temporanjament kontrolli tal-fruntiera fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u fit-*Terminal* tal-Passiġġieri fil-Belt Valletta għal tluq u wasliet minn stati fiż-Żona Schengen. Dawn il-kontrolli kellhom jibqgħu fis-seħħ sad-29 ta' Novembru 2015 f'24:00. Il-Gvern iħoss li ċ-ċirkustanzi preżenti jiddettaw li nestendu b'mod temporanju dawn il-kontrolli ħalli nkomplu nħarsu u nipproteġu lill-poplu tagħna. Huwa stramb u kurjuż kif min tkellem mhux ftit fuq is-sigurtà qed joġġezzjona għal tali estensjoni temporanja biex jibqgħu jsiru dawn il-kontrolli.

Irridu ngħidu li l-Gvern u s-servizzi tas-sigurtà f'Malta, kif ukoll ma' servizzi oħra f'pajjiżi oħra, ilna nimmoniterjaw is-sitwazzjoni u s'issa ma kellna l-ebda theddida jew inkella informazzjoni li tħassibna jew tpoġġi lil pajjiżna f'xi periklu. Ħassejna iżda, li kif jiġri f'okkażjonijiet bħal dawn, fejn il-pajjiż ikun qed jorganizza xi avveniment li jiġbed, mhux biss l-attenzjoni in ġenerali, imma jkun ukoll se jilqa' dinjitarji minn numru ta' pajjiżi, jitlob li jsiru dawn it-tip ta' kontrolli fil-fruntiera. Dan seħħ f'pajjiżna stess meta kellna ż-żjara tal-Papa fostna fis-sena 2010. Hawnhekk inħoss li jkun xieraq li nirringrazzja lill-uffiċjali tal-immigrazzjoni u lill-Pulizija tal-ħidma kollha li wettqu s'issa.

Il-poplu fehem l-iskop tal-introduzzjoni ta' dawn il-kontrolli ħalli mhux biss nkunu qed nieħdu l-prekawzjonijiet kollha possibbli minħabba persuni li jista' jkollhom intenzjonijiet ħżiena, iżda anke biex ċrieki u abbużi oħra ta' tip differenti jinqabdu wkoll. Dan hu dak li seħħ fil-jiem li għaddew fejn saret ħidma minn sħabna t-Taljani u s-servizzi tas-sigurtà Maltin.

Se nagħti rendikont tal-persuni li nqabdu u minn fejn u dak li seħħ wara li dawn inqabdu, kif ukoll l-informazzjoni li s'issa għandna. Tajjeb li ngħid li l-ewwel indikazzjonijiet huma li dan huwa ċirku marbut ma' attività ta' immigrazzjoni irregolari li saħansitra jużaw anke dokumenti foloz li jinxtraw minn pajjiżi oħra, fosthom l-Italja u l-Greċja.

Fl-14 ta' Novembru 2015 il-pulizija Taljana fl-ajruport ta' Fiumicino waqqfu persuna li kien qed jgħid li kien ta' nazzjonalità Franċiża. Din il-persuna ma kellhiex dokumenti fuqha u kienet imċaħħda milli tidħol l-Italja flimkien ma' persuna oħra li kienet qed takkumpanjaha. Dawn it-tnejn ġew mibgħuta lura lejn Franza minn fejn kienu vvjaġġaw lejn l-Italja. Huma kienu ddikjaraw li x-xewqa tagħhom kienet li jivvjaġġaw lejn Malta, iżda s'issa m'għandna l-ebda informazzjoni li kellhom xi *tickets* f'dan is-sens.

Żewġ Sirjani ġew arrestati fis-17 ta' Novembru mill-awtoritajiet Taljani din id-darba mill-ajruport ta' Ciampino hekk kif kienu qed jippruvaw li jaqbdu titjira għal Malta. Iż-żewġ persuni kellhom passaporti foloz, wieħed passaport Franċiż u l-ieħor passaport Norveġiż.

Fit-18 ta' Novembru 2015 fl-ajruport ta' Bergamo ġew imwaqqfa żewġ Sirjani oħra hekk kif instab li kellhom passaporti foloz, wieħed kien passaport Awstrijakk u l-ieħor Norveġiż. Wieħed minn dawn kellu xi ritratti b'xeni ta' gwerra fuq il-*mobile* tiegħu u qed jiġi investigat minħabba dan il-fatt. L-awtoritajiet Taljani qed jaħsbu li s-Sirjani li twaqqfu ġewwa

Ciampino u Bergamo waslu mill-Awstrija u li rnexxielhom jakkwistaw dokumenti foloz minn persuna Somala li kien jinsab gewwa Ruma u li dan huwa magħruf mall-Awtoritajiet Awstrijaċi. Din il-persuna Somala ġiet identifikata u rnexxielha tasal Malta, fejn kienet arrestata mill-pulizija Maltija. Il-pulizija Maltija komplew jinvestigaw u sabu rabta bejn dawn is-Sirjani, fejn instab li kienu qed jużaw l-istess *email* address u li kien hemm żewġ indirizzi hawn Malta li kienu qed jintuġaw. Instabet ukoll il-*credit card* li ġiet użata u ġiet identifikata l-persuna li għandha din il-*credit card*. Il-Pulizija qed tkompli bl-investigazzjonijiet tagħha.

Fil-15 ta' Novembru wkoll, din id-darba fl-ajruport ta' Treviso, nstabu tliet Sirjani b'karta tal-identità falza mill-Greċja u dawn ukoll ġew arrestati mill-awtoritajiet Taljani. Jidher li m'hemm l-ebda rabta mas-Sirjani l-oħra tant li l-biljetti tal-ajru u l-ħlas bil-*credit card* sar ġewwa Ateni fil-Greċja.

Hemm rapporti oħra li probabbilment fl-20 ta' Novembru ġewwa Catania ġew imwaqqfa żewġ persuni mill-Mali. Dawn qed jingħad li kellhom passaporti oriġinali minn pajjiżhom iżda b'permess ta' residenza falz li nkiseb minn Napli.

Kif intqal fi stqarrija preċedenti tal-Gvern, dawn il-persuni kienu qed jiġu Malta biex japplikaw għal status ta' refuġjat u anke biex jaħdmu ġewwa pajjiżna. Dwar dawk li laħqu ġew hawn Malta għal dan l-iskop, qed nieħdu l-pariri tagħna biex naraw, li jekk ingħataw status ta' refuġjat x'jista' jsir f'dawn iċ-ċirkustanzi. Huwa xierqa u doveruż li anke nħarsu lejn ix-xogħol tal-Uffiċċju tar-Refuġjati f'dawn iċ-ċirkustanzi.

Konklużjoni.

Bħala Gvern aħna ninsabu kommessi li nħarsu s-sigurtà ta' pajjiżna. Madankollu ninsabu kommessi wkoll li niddefendu anke l-libertà tal-moviment tal-persuni minn pajjiż li jinsab fiż-Żona Schengen għal pajjiż ieħor. Il-fatt li pajjiżna introduċa dawn il-kontrolli, skont l-istess regoli ta' Schengen, bl-ebda mod ma qed inxekklu xi prinċipju jew inżarmaw dak li l-Ewropa kisbet f'dan ir-rigward.

Imma rridu nagħmluha ċara li aħna nżommu fuq kollox l-interess ta' pajjiżna l-ewwel u qabel kollox u s-sigurtà tal-poplu tagħna. Kien għalhekk li ħassejna li wara li jgħaddi anke ċ-CHOGM se nġeddu l-perijodu ta' kontrolli. Is-sigurtà ta' pajjiż qatt m'għandha tkun użata bħala ballun politiku aktar u aktar jekk l-intenzjoni tkun waħda marbuta ma' opportuniżmu politiku. Għalhekk nappella lil kulħadd ikun responsabbli u li juri maturità politika fl-interess nazzjonali.